MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru 35/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Martin Dimech ta' 49 sena, bin
George u l-mejta Theresa xebba
Ciappara, imwieled Paola nhar it-30 t'Awwissu 1960
U residenti St Michael Farmhouse
Triq Ħaż-Żabbar, Żejtun, detentur tal-karta tal-identita'
Bin-numru 650160**

**Sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari mqajma mid-difiża.**

Il-Qorti

Rat l-att tal-akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali li jgħid hekk:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fix-xahar ta' Marzu 2009 il-pulizija kienu ġew infurmati illi persuna ta' nazzjonalita` Maltija kienet qed iżomm ammont sostanzjali ta' droga fir-residenza tiegħu f'Malta. Wara madwar xahrejn ta' osservazzjoni da parti tal-uffiċjali tal-pulizija u ċioe' fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009), saret tfittxija fir-residenza bl-indirizz St. Michael's Farmhouse fi Triq Ħaż-Żabbar, Żejtun, propjeta' ta' din il-persuna, fejn instabu, diversi boroż ġewwa żewġ fridges li kienu qegħdin jinżammu fil-garaxx tal-istess residenza kontenenti sustanza kannella suspettata li hija droga herojina kif ukoll instabu xi oġġetti relatati mat-tqassim u traffikar tad-droga. Il-persuna kif hawn fuq indikata huwa Martin Dimech qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi rriżulta mis-sejba li saret u *ex admissis* mill-akkużat stess, li hu kien qed iżomm din is-sustanza għan-nom ta' persuna oħra u dawn kienu qegħdin jagħmlu tajjeb għal somma flus fl-ammont ta' ħdax il-elf u sitt mitt Euro (€11,600) li l-akkużat kien sellef lil din it-terza persuna u li kienu għadhom ma' tħallsux lura lilu. Irriżulta minn ħalq l-akkużat stess illi hu kien qassam din is-sustanza f'diversi pakketti sabiex jittraffika l-istess għan-nom tat-terza persuna. Kwindi l-akkużat volontarjament u xjentement kellu fil-pussess tiegħu din is-sustanza illegali fir-residenza tiegħu u li kienet intenzjonata u filfatt ġiet ippreparata għal persuni oħra u sabiex is-sustanza illegali tiġi traffikata għal skopijiet ta' lukru. Wara l-analiżi meħtieġa mill-esperti maħtura mill-Qorti kif ukoll *ex admissis* mill-akkużat, ġie kkonfermat li s-sustanza misjuba kienet filfatt tikkonsisti fid-droga herojina, sustanza illegali ai termini tal-Liġi tagħna, li instabet fl-ammont ta' disa mija ħamsa u għoxrin punt sitta u għoxrin gramma (925.26grammi) bil-purita ta' ħamsa u tletin fil-mija (35%) u bil-valur monetarju ta' tnejn u erbgħin elf ħames mija wieħed u sittin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€42,561.96). Fortunatament il-pulizija intervjenew u l-akkużat ġie arrestat qabel ma d-droga in kwistjoni ġiet effettivament ittraffikata u mgħoddija lil terżi persuni.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Martin Dimech sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluża jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech datata l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), l-akkużat Martin Dimech instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Martin Dimech, reċidiv f'delitt, ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluża jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni

għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a) (1B) (2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, minħabba l-fatt li l-herojina in kwistjoni kienet indubjament fil-pussess tal-akkużat u minħabba l-fatt li s-sustanza susspettuża instabet fir-residenza tiegħu kif ukoll *ex admissis* mill-akkużat stess u rriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga herojina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kap preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata u filfatt ġiet ippreparata għal dak l-iskop da parti tal-akkużat stess.  Di piu is-sustanza misjuba nstabet f'ammont kbir tant illi żgur ma kienx intiż għall-użu personali tal-akkużat anki meta wieħed iqis il-mod kif instabu (ippakkettati u lesti biex jitqassmu).

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li

tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Martin Dimech sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech datata l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), l-akkużat Martin Dimech instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Martin Dimech, reċidiv f'delitt, ħati talli, fl-ewwel ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta'

l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Permezz ta' Nota tal-eċċezzjonijiet ppreżentata fit-22 ta' Lulju 2010, id-difiża ssottomettiet li għandha tkun sfilzata d-depożizzjoni mogħtija mill-Ispiżjar Godwin Sammut fit-8 ta' Mejju 2009 u r-relazzjoni peritali tal-istess Godwin Sammut maħlufa quddiem il-Qorfti Istruttorja fl-14 ta' Mejju 2009 stante li dawn huma inammissibbli għaliex meta l-istesws espert kien innominat mill-Inkwirenti l-Qorti ma tatu ebda inkarigu speċifiku. Il-verbal tan-nomina data l-1 ta' Mejju, 200i9 a fol 65 tal-proċess jgħid sempliċiment:

'Tinnomina biex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-Pulzija waqt l-aċċess lil Mr Godwin Sammut u lil Mr Martin Bajada bħala tekniċi.

Isegwi li l-istess Godwin Sammut ma kellux jippreżumi x'kien l-inkarigu tiegħu. Se mai kellu jitlob lill-Qorti tispeċifikalu l-inkarigu tiegħu.

Dan l-istat ta' fatt ma kienx b'xi mod ratifikat waqt il-kumpilazzjoni.

L-abbli difensur irrefera għad-digriet tat-8 ta’ Mejju 2009 ta’ dik il-Qorti (fol 37 tal-proċess) fejn il-Qorti kienet estendiet n-nomina ta’ Godwin Sammut sabiex jagħmel analiżi fuq il-boroż appena esibiti bħala dokument immarkat MD3.’

Għalhekk, skont l-abbli difensur, l-uniku inkarigu mogħti lis-Sur Godwin Sammut kien li jagħmel analiżi fuq il-boroż.

Semgħet it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni fit-13 ta’ Ġunju 2011.

Ikkonsidrat

Li skont l-artikolu 650 tal-Kap 9, għandhom jinħatru esperti f’dawk il-każijiet kollha, fejn ikun meħtieġ tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta’ persuna jew xi oġġett.

Skont is-subinċiż (5) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha, meta jkun hemm bżonn, tagħti direzzjonijiet lill-esperti.

Mid-diċitura tas-subinċiż (5) tal-artikolu 650 tal-Kap9 jirriżulta li l-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-esperti **meta jkun hemm bżonn**.

Fil-każ tal-espert Godwin Sammut, malli l-Maġistrat Inkwirenti jaħtru bħala espert, ix-xogħol li għandu jwettaq bħala espert huwa wieħed awtomatiku. Is-sur Godwin Sammut normalment jinħatar espert (jew hu jew l-Ispiżjar Mario Mifsud, skont min ikun tal-għassa) kull meta jkun hemm każ tad-droga u kull wieħed minn dawn l-espert jaf li d-dmir tiegħu huwa wieħed – li janalizza u jiżen d-droga misjuba – sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ta’ xi analiżi oħra, bħalma jidher li kien hemm f’dan il-każ aktar **tard matul il-proċeduri**.

Għalhekk kemm is-sur Godwin Sammut kif ukoll is-sur Mario Mifsud meta jinħatru mill-Maġistrat Inkwirenti jafu safu x’inhu l-inkarigu primarju tagħhom u m’għandhom għalfejn jippreżumu xejn għax huma esperti f’qasam speċjalizzat ħafna u li sa minn żmien sew ilu – u kif għadu

s’issa – huma dawn l-uniċi żewġ esperti li jinħatru għal dan il-għan.

Għalhekk, fi kliem l-istess subinċiż (5) tal-artikolu 650 ma kien hemm ebda bżonn li l-Maġistrat Inkwirenti jispeċifika l-inkarigu tal-espert Godwin Sammut.

Għalhekk il-Qort qed tikkonkludi li l-ħatra tas-sur Godwin Sammut kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu huma t-tnejn ammissibbli u għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjoni ta’ Martin Dimech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------